MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 21/2013

**Carmel Tabone**

**Vs**

**Paul Borg.**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu l-attur talab hlas minn ghand il-konvenut fl-ammont ta' tett mija u hamsin Ewro (€350) rapprezentanti hlas ta' grass cutter mibjugh u kkonsenjat lilu fis-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008). Dan bl-imghax minn dik id-data u bl-ispejjes kollha.

Illi l-konvenut irrissponda billi eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148 (b); eccepixxa illi l-azzjoni attrici hi nfondata fid-dritt u fil-fatt; u illi l-ammont mitlub mhux dovut.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra' t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra l-atti kollha.

Ra is-sentenza preliminari tieghu tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014), u li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut cioe dik tal-preskrizzjoni hija dik fit-termini ta’ l-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kap XVI tal-Ligijiet ta’ Malta), giet michuda b’sentenza preliminari. Illi jifdal ghalhekk li tigi trattata t-talba fil-mertu fid-dawl tal-eccezzjonijiet rimanenti.

It-tribunal josserva illi l-eccezzjonijiet rimanenti ma humiex eccezzjonijiet specifici izda qeghdin fuq linja generali:- (1) it-talba attrici hi infondata fid-dritt u fil-fatt (2) l-ammont mitlub mhux dovut.

L-attur jghid illi l-konvenut xtara minn ghandu grass cutter li tieghu baqa’ ma hallsux.

Il-konvenut jghid illi ma xtarax grass cutter izda xtara chain saw li ghamel il-hsara wara ftit zmien u kien irritornah lura.

L-attur jinnega dan. Dwar jekk hux chain saw jew grass cutter, l-attur u martu li tehodlu hsieb il-karti, jispjegaw illi l-konvenut kien xtara grass cutter u li Frances Tabone nizzlet C-Saw fuq l-invoice, ghaliex l-agent hekk jirreferi ghal dan l-apparat fuq l-invoice tieghu u hi tikkopjah preciz.

L-konvenut jipprova jikkorrobora l-verzjoni tieghu billi gaba prova illi seba’ xhur wara xtara grass cutter minn ghand id-ditta V and F Portelli.

Dan it-tribunal jaghzel li jemmen il-verzjoni tal-attur u martu. Mart l-attur tghid illi hija certa illi l-konvenut kien xtara chain saw u mhux apparat iehor. Huwa notat ukoll illi Frances Tabone kient dettaljata u verosimili fid-depozizzjoni taghha. Similment it-tribunal jemmen illi ken hemm it-tentativ tal-hlas, da parti tal-konvenut, imsemmi fix-xhieda ta’ l-attur qabel din il-kawza. Ghal dan it-tribunal x-xhieda ta’ l-atturi kienet wahda konvincenti u li jista jistrieh fuqha. Huwa notat illi l-interess ta’ l-atturi hu li jithallsu, kwindi ma kellhom l-ebda interess illi jghawwgu l-verita u flok chain saw jghidu li bieghu grass cutter. Huwa osservat ukoll illi la fid-dokument mahrug mill-agent u l-anqas fl-invoice esebita ma tissemma l-kelma chain saw izda il-kliem uzat huwa ‘c/saw’, li hadd ma spjega it-tifsira ezatta ta’ din l-abbrevjazzjoni.

Min naha l-ohra dan huwa wiehed mill-kazi fejn dan it-tribunal ihoss illi ghandu jirrimarka specifikament dwar il-mod kif xhed l-konvenut. It-Trbunal ma jistax ma josservax l-kompartament tal-konvenut fuq il-pedana tax-xhieda u l-mod kif beda jixhed, fejn sahansitra qisu beda jippretendi li qisu jigi suggerit lilu x’ghandu jghid. Anke f’dak li iddepona ma jistax jinghad illi irnexxilu jxejjen dak li fuq bilanciata’

propabilita irnexxilu jipprova l-attur. In oltre l-konvenut ma gab l-ebda prova in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu illi hu xtara chain saw li kif appena beda juzah ghamel il-hsara. Ix-xhieda tar-rapprezentant ta' V and F Portelli li qal illi f'Marzu tas-sena 2009 l-konvenut xtara grass cutter minn ghandu ma tbiddel xejn mill-affarijiet; bhal ma tista tfisser illi bniedem ma kellux grass cutter u mar xtara wahda, tista tfisser illi bniedem fin-negozju gie bzonn tat-tieni grass cutter u mar xtrah.

Dan it-tribunal minn l-assjiem tal-provi jemmen illi verament l-konvenut xtara grass cutter minn ghand l-attur u ma hallasx ghalih. It-talba attrici ghalhekk ser tigi akkolta.

Finalment dan it-tribunal josserva illi t-talba odjerna saret ghal tlett mija u hamsin Ewro (€350) meta l-invoice originali datata is-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008); issemmi l-ammont ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin ewro (€ 325). Hawn dan l-ammont illi l-konvenut ser jigi kkundannat ihallas.

Dwar l-imghax, dan huwa mitlub mis-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008). Kif gie ritenut fis-sentenza preliminari fuq riferita, din hija transazzjoni kummercjali u ghalhekk l-imghaxijiet ghandhom jiddekru mid-data tal-konsenja.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jilqa t-talba attrici bil-mod kif spjegat, jichad il-eccezzjonijiet tal-konvenut; jikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€ 325); bl-imghax mis- sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008). Bl-ispejjes inkluzi dawk tas-sentenza preliminari kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------